IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.11.2020
COM(2020) 755 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL U LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

Evalwazzjoni tal-Applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 386/2012 tad-19 ta' April 2012

{SWD(2020) 282 final}

I. KUNTEST TAL-EVALWAZZJONI

Id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (IPR) jappoġġjaw lill-imprendituri u lill-ħallieqa li jiżviluppaw prodotti, teknoloġija u servizzi ġodda, aħjar u aktar effiċjenti. L-IPR jipprovdu wkoll inċentivi għall-produzzjoni u l-kondiviżjoni tar-riċerka akkademika u xjentifika, tax-xogħlijiet artistiċi u tad-divertiment. L-IPR jgħinu lill-inventuri, lill-awturi u lill-komunitajiet lokali jirċievu kumpens għal xogħolhom u għall-kontribut tagħhom għall-progress tas-soċjetà. L-IPR jistgħu jgħinu lin-negozji ż-żgħar u lin-negozji ġodda biex ifittxu l-investiment u jgħinu lill-kumpaniji jespandu u jesportaw, billi jagħmlu għażla usa' ta' prodotti disponibbli għal aktar konsumaturi, filwaqt li joħolqu impjiegi ġodda u mħallsa sew[1]. Barra minn hekk, l-IP toffri assigurazzjoni lill-konsumaturi dwar il-kwalità u l-oriġini tal-prodotti li jixtru.

L-IP hija partikolarment importanti għall-UE. L-Ewropa teċċella fl-għarfien espert, fil-kreattività u fl-innovazzjoni. Fl-2016, l-industriji intensivi fl-IPR tal-UE[2] ġġeneraw 82 % tal-esportazzjonijiet tal-UE, li jfisser eċċess kummerċjali ta' madwar EUR 182 biljun[3]. Il-privattivi, it-trademarks, id-drittijiet tal-awtur, id-disinni u l-indikazzjonijiet ġeografiċi, jipproteġu lill-industrija tal-UE minn ikkuppjar inġust li jitwettaq minn kompetituri li ma investewx fil-kreattività, fir-riċerka u fl-iżvilupp. Is-sistema tal-IP tipprovdi wkoll protezzjoni kontra l-attività ta' organizzazzjonijiet kriminali li jqarrqu bil-konsumaturi u bin-negozji b'imitazzjonijiet ta' prodotti mmanifatturati ħażin (u ta' spiss perikoluż). Il-prodotti foloz jista' jkollhom impatt serju fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-konsumaturi, kif ukoll konsegwenzi ambjentali negattivi. Il-falsifikazzjoni u l-piraterija huma operati minn organizzazzjonijiet kriminali b'firxa globali u jistgħu jiġu miġġielda biss permezz tal-isforzi konġunti bejn is-setturi pubbliċi, privati u tas-soċjetà ċivili, fi ħdan l-UE iżda wkoll b'kooperazzjoni ma' pajjiżi li mhumiex fl-UE.

Fl-2009, il-Kummissjoni stabbilixxiet network informali ta' partijiet ikkonċernati privati u pubbliċi mħassba dwar ksur tal-IPR, bl-isem l-"Osservatorju dwar il-Falsifikazzjoni u l-Piraterija" ("l-Osservatorju"). L-għanijiet ewlenin tiegħu kienu li:

- jivvaluta l-kamp ta' applikazzjoni, id-daqs u l-impatt tal-ksur tal-IPR fl-UE;
- itejjeb il-kooperazzjoni bejn dawk involuti fil-protezzjoni u fl-infurzar tal-IPR;
- jaqsam l-aħjar prattika fl-infurzar; u
- jqajjem kuxjenza fost il-konsumaturi.

Fl-2010, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea stieden lill-Kummissjoni telabora aktar dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-kompetenzi, il-kompiti u r-rwol tal-Osservatorju[4], li wassal lill-Kummissjoni biex tipproponi t-trasferiment tal-Osservatorju lill-Uffiċċju tal-proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO).

[1] Bħala medja, il-kumpaniji li huma s-sidien tal-IPR jiġġeneraw dħul ta' 29 % ogħla għal kull impjegat, u jħallsu pagi 20 % ogħla, minn ditti li ma jużawx l-IPR - *Intellectual property rights intensive industries: contribution to economic performance and employment in the European Union*, it-tielet edizzjoni, l-EPO u l-EUIPO (2019).

[2] *Intellectual property rights intensive industries: contribution to economic performance and employment in the European Union*, it-tielet edizzjoni, EPO u EUIPO (2019). Ir-rapport tal-OECD - EUIPO jqis bħala intensivi fl-IPR, l-industriji li għandhom aktar IPRs għal kull impjegat, mill-medja tal-industriji kollha. Skont ir-rapport, l-industriji intensivi fl-IPR huma kkonċentrati fis-setturi tal-manifattura, tat-teknoloġija u tas-servizzi tan-negozju

[3] *Rapport dwar il-protezzjoni u l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali f'pajjiżi terzi*, Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, 8 ta' Jannar 2020, SWD(2019) 452.

[4] Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-1 ta' Marzu 2010 dwar l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali fis-suq intern (2010/C 56/01).

Fl-2012, ir-Regolament Nru 386/2012[5] ("ir-Regolament") fada l-Osservatorju, li issa ngħata l-isem ġdid ta' Osservatorju Ewropew għall-Ksur tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali, lill-EUIPO, flimkien ma' sett ta' kompiti mmirati biex jiffaċilitaw l-attivitajiet tal-awtoritajiet nazzjonali, is-settur privat u l-istituzzjonijiet tal-UE fil-ġlieda kontra l-ksur tal-IPR. Dawn il-kompiti żdiedu mal-missjoni ewlenija tal-EUIPO li jmexxi s-sistemi ta' trademarks u disinni tal-UE u li joffri reġistrazzjoni ta' tali drittijiet fil-livell tal-UE.

Barra minn hekk, ir-Regolament jispeċifika li "l-Uffiċċju għandu jorganizza, jamministra u jappoġġja t-tlaqqigħ ta' esperti, awtoritajiet u partijiet ikkonċernati li jinġabru taħt l-isem tal-"Osservatorju Ewropew tal-Ksur tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali" ("l-Osservatorju"). Sal-31 ta' Diċembru 2019, l-Osservatorju kien jikkonsisti minn 123 rappreżentant mill-awtoritajiet nazzjonali, mill-industrija, mill-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi u mis-soċjetà ċivili, u diversi organizzazzjonijiet internazzjonali u korpi istituzzjonali, bħall-OECD, l-Organizzazzjonijiet Doganali Dinjija, l-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi, il-Parlament Ewropew u l-Europol. Fil-laqgħat tal-Osservatorju jipparteċipaw ukoll uffiċjali minn diversi dipartimenti tal-Kummissjoni.

F'dan ir-rapport, il-Kummissjoni tevalwa l-implimentazzjoni u l-funzjonament tar-Regolament, u tevalwa jekk l-objettivi inizjali tiegħu għadhomx validi u jekk intlaħqux b'mod effiċjenti u koerenti[6]. Ir-rapport ma jkoprix l-attivitajiet tal-EUIPO barra mir-Regolament, jiġifieri, ir-reġistrazzjoni ta' trademarks u disinni, u l-funzjonament ġenerali tal-EUIPO.

Il-Kummissjoni bdiet l-evalwazzjoni fl-2016. Il-kuntrattur estern wettaq studju ppubblikat fl-2018[7]. L-aktar limitazzjoni sinifikanti identifikata fl-istudju kienet li l-evalwazzjoni bdiet kmieni wisq, hekk kif l-ewwel riżultati bdew joħorġu bejn l-2015 u l-2017. Sabiex ittejjeb l-evalwazzjoni, il-Kummissjoni estendiet il-kamp ta' applikazzjoni tagħha għall-attivitajiet kollha mwettqa mill-EUIPO, skont ir-Regolament, sal-31 ta' Diċembru 2019.

Dan ir-rapport jiġbor fil-qosor il-konklużjonijiet tal-evalwazzjoni u l-Kummissjoni se tissottomettih lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew. Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanjah jagħti spjegazzjoni dettaljata tal-metodu, ix-xenarju bażi u s-sejbiet tal-evalwazzjoni.

II. IS-SEJBIET TAL-EVALWAZZJONI

L-evalwazzjoni vvalutat ir-Regolament u l-implimentazzjoni tiegħu mill-EUIPO, skont il-ħames kriterji ta' evalwazzjoni standard: (i) l-effikaċja, (ii) l-effiċjenza, (iii) il-koerenza, (iv) ir-rilevanza u (v) l-valur miżjud tal-UE.

A. Ir-rilevanza

Il-kriterju tar-rilevanza eżamina sa fejn l-objettivi inizjali tar-Regolament huma xierqa u għadhom jikkorrispondu mal-ħtiġijiet preżenti.

[5] Ir-Regolament (UE) Nru 386/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' April 2012 li permezz tiegħu l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trademarks u Disinji) jiġi fdat b'ċerti kompiti relatati mal-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, inkluż it-tlaqqigħ ta' rappreżentanti mis-settur pubbliku u privat bħala Osservatorju Ewropew tal-Ksur tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali (ĠU KE Nru L 129 tas-16.5.2012, p. 1).

[6] L-evalwazzjoni hija meħtieġa mill-Artikolu 8 tar-Regolament.

[7] Technopolis, *Evaluation of the application of Regulation 386/2012*, 2017 disponibbli online fuq https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/f92d8b87-1dce-11e8-ac73-01aa75ed71a1/language-en

Il-kompiti assenjati lill-EUIPO jistgħu jinġabru f'erba' oqsma ewlenin:

(1) ir-riċerka u l-qsim tal-għarfien dwar ir-rwol tal-IP, dwar il-volum u l-impatt tal-ksur tal-IP, kif ukoll dwar l-aħjar prattika biex jiġu infurzati l-IPR u jiġi evitat il-ksur;

(2) l-għarfien dwar l-IP inklużi r-riskji u l-impatt negattiv tal-falsifikazzjoni u tal-piraterija;

(3) il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet, kif ukoll bejn l-awtoritajiet u s-sidien tal-IPR, inkluż permezz tal-iżvilupp ta' għodod u l-promozzjoni ta' teknoloġiji li jappoġġjaw l-infurzar tal-IPR; u

(4) il-kooperazzjoni mal-uffiċċji tal-IP f'pajjiżi mhux tal-UE dwar l-infurzar tal-IPR.

L-evalwazzjoni kkonkludiet li l-kompiti assenjati lill-EUIPO huma kollha rilevanti llum.

L-offerta u l-konsum illegali online tal-kontenut tad-drittijiet tal-awtur bħal films, mużika u avvenimenti sportivi diretti għadhom mifruxa. Bejn l-2012 u l-2016, il-piraterija fl-UE kkawżat lill-industrija tal-mużika rreġistrata telf medju annwali ta' EUR 200 miljun u 1 300 impjieg. L-importazzjonijiet ta' oġġetti ffalsifikati fl-UE żdiedu fil-valur minn EUR 85 biljun fl-2013 (ekwivalenti għal 5 % tal-importazzjonijiet totali tal-UE) għal EUR 121 biljun (6,8 % tal-importazzjonijiet totali tal-UE) fl-2016[8], u dan ikkawża telf fid-dħul min-negozju, fid-dħul mit-taxxa u fl-impjiegi.

L-intervisti li saru mill-kuntrattur u l-feedback li wasal permezz tal-konsultazzjoni pubblika wrew kunsens kbir dwar ir-rilevanza tal-kompiti li r-Regolament assenja lill-EUIPO.

Filwaqt li xi partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari xi whud li jirrappreżentaw lis-sidien tat-trademarks, esprimew dubji dwar il-kooperazzjoni mal-awtoritajiet ta' pajjiżi mhux tal-UE, din il-kooperazzjoni madankollu tqieset importanti minn 62 % tar-rispondenti tal-konsultazzjoni pubblika. Il-partijiet ikkonċernati intervistati mill-kuntrattur qablu li *"(...) ħafna oġġetti ffalsifikati jiġu minn pajjiżi terzi. Jista' jsir ħafna biex nifhmu aħjar u b'hekk nindirizzaw il-falsifikazzjoni f'pajjiżi terzi, speċjalment fiċ-Ċina, fix-Xlokk tal-Asja jew fl-Amerika t'Isfel."* Fil-fatt, il-falsifikazzjoni u l-piraterija ma jistgħux jiġu indirizzati b'mod effettiv billi naġixxu fis-Suq Intern biss u billi ninjoraw il-postijiet tal-manifattura jew ir-rotot użati għad-distribuzzjoni tal-prodotti ffalsifikati. Barra minn hekk, l-iffalsifikar ta' marki Ewropej u d-distribuzzjoni illegali ta' kontenut protett bid-drittijiet tal-awtur tal-UE f'pajjiżi mhux fl-UE wkoll jagħmlu ħsara lin-negozji Ewropej.

Mhux il-partijiet ikkonċernati kollha jappoġġjaw bl-istess mod il-kompitu tal-EUIPO li jippromwovi sistemi ta' segwiment u traċċar li jgħinu fid-distinzjoni bejn prodotti ġenwini u foloz. Xi ċittadini esprimew tħassib dwar il-privatezza, filwaqt li d-detenturi tad-drittijiet ġeneralment jaraw sistemi bħal dawn bħala mhux xierqa għall-istandardizzazzjoni, peress li ma hemmx soluzzjoni ta' universalità. Filwaqt li s-soluzzjonijiet ta' segwiment u ta' traċċar jenħtieġ li jitħallew liberi li jikkompetu, l-SMEs u l-konsumaturi jenħtieġ li jkollhom aċċess faċli għall-informazzjoni dwar is-soluzzjonijiet tekniċi differenti fl-użu. L-EUIPO jista' jqajjem kuxjenza u jtejjeb it-trasparenza mingħajr ma jiffavorixxi prodotti partikolari. Nofs ir-rispondenti tal-konsultazzjoni pubblika (54 %), u 82 % ta' dawk fil-kategorija ta'

[8] *"Trends in Trade in Counterfeit and Pirated Goods"*, Kummerċ Illeċitu, Pubblikazzjoni tal-OECD, Pariġi/l-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea, 2019. L-istudju msemmi ma jinkludix prodotti ffalsifikati u kkupjati domestikament, jew prodotti diġitali kkupjati distribwiti online.

professjonisti u organizzazzjonijiet, iqisu li l-kompiti tal-EUIPO f'dan il-qasam huma importanti.

L-evalwazzjoni ma żvelat l-ebda lakuna fil-kompiti assenjati lill-EUIPO mir-Regolament.

B. L-effikaċja

L-objettiv operazzjonali immedjat imfittex mill-Kummissjoni kien li jiġi żgurat li l-Osservatorju kellu l-infrastruttura meħtieġa biex iwettaq l-attivitajiet tiegħu b'mod effettiv. Qabel l-adozzjoni tar-Regolament, id-dipartimenti tal-Kummissjoni kellhom tliet membri tal-persunal jimmaniġġjaw l-Osservatorju. Sal-aħħar tal-2019, id-Dipartiment tal-Osservatorju tal-EUIPO kellu 55 membru tal-persunal. In-nefqa tal-EUIPO fl-attivitajiet taħt ir-Regolament kienet ta' EUR 2,4 miljun fl-2012 u EUR 11,7 miljun fl-2019.

L-EUIPO espanda n-network tal-Osservatorju, biex b'hekk jimtlew il-lakuni fil-kompożizzjoni preċedenti tiegħu, filwaqt li żied l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u għadd ta' organizzazzjonijiet b'għarfien espert rilevanti. Sal-aħħar tal-2019 dan kien iffurmat minn 123 rappreżentant, li tmienja minnhom jirrappreżentaw il-konsumaturi u organizzazzjonijiet oħra tas-soċjetà ċivili. Bħala regola, l-EUIPO jżomm in-network tiegħu ta' partijiet ikkonċernati li huma impenjati sew fl-ippjanar u fl-implimentazzjoni tal-programmi ta' ħidma tiegħu. Minkejja dan, xi partijiet ikkonċernati indikaw li fi ftit każijiet eċċezzjonali, l-EUIPO ma kkonsultahomx biżżejjed.

L-evalwazzjoni hija wkoll pożittiva fir-rigward tal-attivitajiet imwettqa mill-EUIPO. Madankollu, filwaqt li l-EUIPO jżomm rekord tajjeb tal-attivitajiet tiegħu, huwa jenħtieġ li jistabbilixxi mekkaniżmi ta' monitoraġġ biex jistma l-impatt u l-kost-benefiċċju tagħhom, itejjeb il-prijoritizzazzjoni u l-ippjanar, u jappoġġja evalwazzjonijiet futuri.

L-istudju tal-kuntrattur ikkonkluda li l-EUIPO kkontribwixxa b'mod ċar għall-protezzjoni effettiva tal-IPR biex jintlaħqu l-objettivi differenti kollha, b'mod li huwa indipendenti mill-industrija. Bl-istess mod, 43 % tar-rispondenti tal-konsultazzjoni pubblika jemmnu li l-EUIPO kiseb riżultati tajbin jew tajbin ħafna biex jgħin fit-titjib tal-protezzjoni tal-IPR. Ir-rata ta' approvazzjoni hija ogħla fost il-professjonisti u l-organizzazzjonijiet (68 %).

L-EUIPO żviluppa metodoloġija trasparenti għad-determinazzjoni tal-volum u tal-impatt tal-ksur tal-IPR, kompitu ta' importanza fundamentali. L-EUIPO wettaq ukoll ir-riċerka tiegħu dwar il-kontribut tal-industriji intensivi fl-IP lill-ekonomija u r-rwol tal-IP fil-prestazzjoni tan-negozji. Fost ħafna suġġetti oħrajn, l-EUIPO pprovda wkoll għarfien siewi dwar kemm l-SMEs iżommu l-IPR, u d-diffikultajiet li jiffaċċjaw biex jibbenefikaw bis-sħiħ mis-sistema tal-IP, kif ukoll dwar il-perċezzjoni li l-konsumaturi u ż-żgħażagħ għandhom tal-IP u l-imġiba tagħhom lejn il-prodotti ffalsifikati u l-piraterija. L-attivitajiet estensivi ta' riċerka u pubblikazzjoni tal-EUIPO jikkontribwixxu għat-tfassil tal-politika fil-livelli tal-UE u nazzjonali. Il-pubblikazzjonijiet tal-EUIPO skont ir-Regolament huma disponibbli online[9]. Madankollu, jeħtieġ li l-EUIPO jtejjeb l-aċċess għal-librerija estensiva tiegħu. Il-wiri attwali tal-pubblikazzjonijiet u l-funzjonalità assoċjata tat-tiftix mhumiex sodisfaċenti.

L-attività ta' pubblikazzjoni tal-EUIPO tikkontribwixxi biex tqajjem kuxjenza. L-istudji tal-EUIPO ssemmew fi kważi 2 000 artiklu ppubblikat u ġġeneraw valur ekwivalenti għal EUR 8,3 miljun tal-valur tar-reklamar. Barra minn hekk, l-EUIPO investa EUR 1.5 miljun

[9] https://euipo.europa.eu/ohimportal/mt/web/observatory/observatory-publications.

f'kampanji ta' sensibilizzazzjoni differenti b'livelli għoljin ta' sensibilizzazzjoni. Il-kampanji implimentati fl-2018 u fl-2019 laħqu lil 60 miljun Ewropew.

L-EUIPO jipprovdi taħriġ lill-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi involuti fil-ġlieda kontra l-falsifikazzjoni u l-piraterija. It-taħriġ jingħata f'kollaborazzjoni mad-dipartimenti rilevanti tal-infurzar tal-liġi tal-Kummissjoni, bħal, pereżempju, l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF), u korpi oħra tal-UE (bħas-CEPOL, il-Europol jew l-Eurojust) u diversi awtoritajiet u organizzazzjonijiet nazzjonali u internazzjonali. Il-programm ta' taħriġ tal-EUIPO mela lakuna fl-iżvilupp tal-għarfien espert meħtieġ. Illum, it-taħriġ dwar l-infurzar tal-IP ma għadux limitat għall-uffiċjali tad-dwana. Dan jilħaq ukoll lil uffiċjali tal-pulizija, lil imħallfin u lil prosekuturi, b'rata medja ta' sodisfazzjon ta' 97,4 % fost il-parteċipanti.

L-EUIPO kiseb riżultati sinifikanti fl-iżvilupp ta' għodod għad-detenturi tad-drittijiet tal-IP u għall-awtoritajiet tal-infurzar. Sal-aħħar tal-2019, kien hemm 63 awtorità tal-infurzar b'aċċess għall-Portal tal-Infurzar tal-Proprjetà Intellettwali tal-EUIPO, inkluż id-Dwana kollha tal-UE, il-Europol, l-OLAF, u l-forzi tal-pulizija minn 17-il Stat Membru. Fost karatteristiċi oħra, il-Portal jiġbor *data* miġbura mid-dipartimenti tal-Kummissjoni dwar detenzjonijiet fuq il-fruntieri, *data* trażmessa mill-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar dwar detenzjonijiet fis-suq intern, kif ukoll *data* trażmessa minn aktar minn 800 negozju.

L-EUIPO għandu rwol importanti fl-implimentazzjoni ta' proġetti ffinanzjati mill-UE f'pajjiżi mhux tal-UE. Il-konsultazzjoni pubblika u l-istudju żvelaw rati ta' approvazzjoni globalment pożittivi fuq il-kooperazzjoni internazzjonali tal-EUIPO, iżda inqas minn f'oqsma oħra ta' attività tiegħu. Skont il-kuntrattur "*Xi partijiet ikkonċernati ma kellhomx għarfien tar-responsabbiltajiet tal-Osservatorju lejn il-kooperazzjoni internazzjonali ma' pajjiżi terzi.*" Għaldaqstant, l-EUIPO jenħtieġ li jsaħħaħ il-kontribut lejn u s-segwitu mir-rappreżentanti għall-Osservatorju tal-attivitajiet tiegħu relatati ma' pajjiżi mhux fl-UE.

Ir-Regolament jirrikjedi li l-Istati Membri jinfurmaw lill-EUIPO bil-politiki tagħhom dwar l-infurzar tal-IPR, jipprovdu *data* statistika dwar il-ksur tal-IP kif ukoll informazzjoni dwar il-każistika. L-EUIPO qabel mar-rappreżentanti tal-Istati Membri dwar proċedura li tejbet is-sitwazzjoni, iżda b'mod ġenerali, il-ġbir tad-*data* mill-Istati Membri jibqa' sfida, b'mod partikolari fir-rigward tas-sekwestru ta' oġġetti li jiksru l-IPR fis-suq intern, u l-każistika.

B'mod ġenerali, l-EUIPO seta' jimplimenta l-programmi ta' ħidma tiegħu kif ippjanat. Madankollu, proporzjon żgħir mill-proġetti ffaċċjaw dewmien minħabba bidliet fil-prijoritajiet. Għaldaqstant, l-EUIPO għandu jiżgura li l-proġetti kollha miftiehma jkunu appoġġjati minn riżorsi suffiċjenti sabiex jissodisfa l-impenji tiegħu.

L-eżitu ġenerali tal-evalwazzjoni huwa pożittiv. Kemm l-istudju mill-kuntrattur kif ukoll il-feedback mogħti permezz tal-konsultazzjoni pubblika jindikaw li l-EUIPO kkontribwixxa biex jittejjeb l-infurzar tal-IPR u wettaq l-objettivi tar-Regolament.

C. L-effiċjenza

Ir-Regolament għandu l-għan li jsaħħaħ u jestendi l-attivitajiet tal-Osservatorju, filwaqt li jiżgura l-finanzjament sostenibbli tiegħu mingħajr spejjeż għall-baġit tal-UE. Meta l-Osservatorju ġie fdat lill-EUIPO ntlaħqu dawn iż-żewġ għanijiet. L-attivitajiet kollha tal-EUIPO huma ffinanzjati mit-tariffi mħallsa mill-utenti tas-sistemi tat-trademarks u d-disinni tal-UE. Sabiex iwettaq il-kompiti fdati mir-Regolament, l-EUIPO jalloka lid-dipartiment tal-Osservatorju tiegħu madwar 5 % tal-infiq annwali tiegħu.

Il-baġit medju tad-dipartiment tal-Osservatorju bejn l-2012 u l-2019 kien ta' EUR 9,25 miljun, inklużi l-ispejjeż medji tal-persunal ta' EUR 3,75 miljun. Il-livell ta' nfiq huwa komparabbli ma' korpi simili tal-UE, bħaċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga, li fl-2019 kien ingħata evalwazzjoni pożittiva[10].

Il-benefiċċji miksuba permezz tar-Regolament jinkludu d-disponibbiltà ta' *data* oġġettiva, affidabbli u komparabbli dwar il-valur tal-IP, dwar il-volum u l-impatt tal-ksur tal-IP, l-għodod disponibbli skont il-portal ta' infurzar tal-IP, il-programmi estensivi ta' taħriġ għall-uffiċjali tal-infurzar, u qafas permanenti għall-azzjonijiet ta' għarfien pubbliku kkoordinati fil-livell tal-UE. Barra minn hekk, l-Osservatorju jippermetti l-kondiviżjoni tal-informazzjoni, l-għarfien u l-aħjar prattiki u għandu effett ta' network siewi, li jiffaċilita l-kooperazzjoni transfruntiera u trans-settorjali, iġġenerata mill-ġbir flimkien, fuq bażi regolari, ta' għadd sostanzjali ta' awtoritajiet u partijiet ikkonċernati taħt qafas kollaborattiv stabbli u durabbli.

L-EUIPO jipprovdi valur tajjeb għall-flus. Iż-żidiet fil-baġit u ż-żidiet iġġenerati mill-persunal fir-riżultati u fil-kost tal-ġestjoni tal-attivitajiet tiegħu, skont ir-Regolament, huma konformi ma' dawk ta' korpi oħra tal-UE li jwettqu attivitajiet simili. Korp nazzjonali wieħed ma setax jipproduċi l-istess benefiċċji fil-livell Ewropew, u rappreżentanti mis-settur pubbliku u privat isibu li l-parteċipazzjoni fil-ħidma tal-Osservatorju hija kosteffettiva.

L-evalwazzjoni mwettqa mill-kuntrattur ikkonkludiet li "*ir-Regolament li qed jiġi evalwat ġie implimentat b'mod effiċjenti. Hemm differenzi ta' fehmiet minn partijiet ikkonċernati differenti dwar xi partikularitajiet tal-ħidma tal-EUIPO skont ir-Regolament. Madankollu, l-attivitajiet u l-proġetti mwettqa mill-EUIPO b'mod ġenerali huma meqjusin kontribuzzjonijiet pożittivi għall-infurzar tal-IPR, biex titqajjem kuxjenza, biex jiġu ġġenerati l-għarfien u l-għarfien espert, u biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, filwaqt li l-ispejjeż imġarrba minn dawk kollha involuti fil-ħidma tal-Osservatorju (bħall-infiq fuq il-ħin) jinżammu baxxi kemm jista' jkun. Ma hemm l-ebda indikazzjoni li t-tim tal-Osservatorju għandu riżorsi żejda jew li qed jonfoq b'mod sproporzjonat fit-twettiq tal-kompiti li ġew attribwiti lilu mir-Regolament*"[11].

Kif imsemmi hawn fuq, jenħtieġ li l-EUIPO jżid l-isforzi tiegħu biex jimmonitorja l-impatt tal-inizjattivi differenti tiegħu, inkluża analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji.

D. Il-koerenza

Il-kompiti attribwiti lill-EUIPO skont ir-Regolament huma ta' appoġġ reċiproku u konsistenti mal-għan politiku ġenerali li jitbaxxew il-livelli tal-ksur tal-IP. L-għarfien aktar ibbażat fuq il-fatti jservi t-taħriġ u l-ħolqien ta' kuxjenza, għodod ta' infurzar aħjar isaħħu l-kooperazzjoni u l-effiċjenza, aktar sforzi ta' infurzar jgħinu biex tiġi indirizzata l-provvista ta' prodotti li jiksru l-IP u s-sensibilizzazzjoni tindirizza d-domanda. It-tnaqqis tal-ksur tal-IP fl-UE jirrikjedi wkoll li jintlaħqu pajjiżi u reġjuni fejn joriġinaw ħafna mill-prodotti foloz. Il-fehmiet miġbura mill-kuntrattur u l-konsultazzjoni pubblika jindikaw li hemm kunsens wiesa' dwar il-koerenza tal-kompiti assenjati mir-Regolament lill-EUIPO.

[10] Evalwazzjoni taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA), 14 ta' Mejju 2019, COM(2019) 228. L-EMCDDA kien qed jopera b'medja ta' 105 membri tal-persunal ekwivalenti full-time fis-sena u baġit annwali medju ta' EUR 16-il miljun. B'differenza mid-dipartiment tal-Osservatorju tal-EUIPO, l-EMCDDA, li huwa aġenzija indipendenti, jeħtieġ persunal addizzjonali għas-servizzi ta' appoġġ (ġestjoni tar-riżorsi umani, infrastruttura, sistemi tal-IT, eċċ.).
[11] Technopolis, paġna 70.

L-EUIPO jipprepara u jimplimenta l-programmi ta' ħidma annwali tiegħu b'konsultazzjoni mad-dipartimenti tal-Kummissjoni. B'riżultat ta' dan, l-attivitajiet tal-EUIPO jikkumplimentaw u jappoġġjaw l-attivitajiet tal-Kummissjoni f'dan il-qasam, kemm jekk ikunu dwar id-drittijiet tal-awtur kif ukoll id-drittijiet tal-proprjetà industrijali (bħal privattivi, trademarks; disinni, jew indikazzjonijiet ġeografiċi) u kemm jekk ikunu ffukati fuq is-suq intern, il-fruntiera tal-UE jew fuq pajjiżi u reġjuni mhux tal-UE. L-EUIPO qed jipprovdi appoġġ siewi għal bosta inizjattivi tal-Kummissjoni. Pereżempju, l-EUIPO jorganizza programmi ta' taħriġ lill-esperti li jkunu qed iwettqu l-pre-dijanjostika tal-IP li l-Kummissjoni ilha tagħmel disponibbli għall-SMEs innovattivi. L-EUIPO jappoġġja wkoll lid-dipartimenti tal-Kummissjoni fl-iffaċilitar tal-kollaborazzjoni bejn id-detenturi tad-drittijiet u l-pjattaformi tal-internet fil-ġlieda kontra l-bejgħ online ta' prodotti foloz. L-EUIPO jgħin lill-Kummissjoni fl-organizzazzjoni ta' avvenimenti għall-awtoritajiet doganali, immirati lejn il-waqfien tal-importazzjonijiet ta' prodotti foloz. L-EUIPO jikkumplementa wkoll il-ħidma tal-Kummissjoni fil-ġlieda kontra l-piraterija, permezz ta' bażijiet ta' *data* u għodod differenti (Agorateka, bażi ta' *data* ta' xogħlijiet orfni, eċċ.). Barra minn hekk, huwa jimplimenta proġetti ffinanzjati mill-UE dwar l-IP f'pajjiżi mhux tal-UE. L-istudji ppubblikati tal-EUIPO ta' spiss jissemmew fid-dokumenti ta' politika tal-UE, bħall-Istrateġija għal suq uniku tal-2015, il-Pakkett tad-drittijiet tal-awtur tal-2016, l-Inizjattiva tan-negozji ġodda tal-2016, il-Pakkett tal-IP tal-2017. L-EUIPO żgura wkoll il-kooperazzjoni mal-korpi rilevanti tal-UE bħall-Europol[12], is-CEPOL[13] u l-Eurojust[14] b'mod partikolari fil-qasam tat-taħriġ. Il-kooperazzjoni mill-qrib bejn id-dipartimenti tal-Kummissjoni u l-EUIPO tiżgura li l-attivitajiet tiegħu jkunu allinjati mal-prijoritajiet tal-Kummissjoni. Madankollu, huwa importanti li, fil-komunikazzjonijiet tiegħu, l-EUIPO jagħmel tali rabtiet ċari għall-partijiet ikkonċernati.

E. Il-valur miżjud tal-UE

Ir-riżultati miksuba bil-ħolqien tal-Osservatorju u bl-adozzjoni tar-Regolament ma kinux ikunu possibbli mingħajr l-intervent tal-UE. L-EUIPO għandu għarfien espert u riżorsi sostanzjali, iżda huwa infurmat ukoll bil-kontribut li jirċievi b'mod regolari mill-partijiet ikkonċernati u mill-awtoritajiet nazzjonali u tal-UE differenti. Din il-ġabra ta' riżorsi mhix disponibbli għall-Istati Membri li jaħdmu b'mod indipendenti. L-Istati Membri ma kinux ikunu jistgħu jużaw l-istess livell ta' *data*, u b'mod partikolari ma kinux ikunu jistgħu jiġbruha u jivvalutawha skont metodoloġija waħda maqbula b'mod komuni. Il-frammentazzjoni tar-riżorsi u n-nuqqas ta' pjattaforma biex jingħaqdu r-riżorsi u jinqasmu l-aħjar prattiki jfissru li l-awtoritajiet nazzjonali u l-partijiet ikkonċernati ma jkollhomx informazzjoni, għodod, bażijiet ta' *data* u appoġġ daqs kemm għandhom bħalissa. L-ekonomija ta' skala ġġenerata mill-ġbir tal-partijiet rilevanti kollha madwar l-EUIPO ppermettiet serje ta' inizjattivi li kieku ma kinux jimmaterjalizzaw.

Kemm l-istudju kif ukoll il-konsultazzjoni pubblika wrew indikazzjonijiet qawwija ħafna li l-partijiet ikkonċernati jaraw il-valur miżjud ċar tar-Regolament u tal-EUIPO.

It-tħassir tar-Regolament itemm l-approċċ multidixxiplinarju u ta' diversi partijiet ikkonċernati tal-EUIPO. Dan itemm il-bażi ta' għarfien madwar l-UE kollha u n-networking tal-Osservatorju u jżid il-piż fuq l-awtoritajiet nazzjonali.

[12] L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi.
[13] L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi.
[14] L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali.

III. KONKLUŻJONIJIET U TAGĦLIMIET MEĦUDA

L-evalwazzjoni, appoġġjata mill-istudju u minn konsultazzjoni pubblika, tikkonkludi li r-Regolament qed jaħdem tajjeb u li l-EUIPO qed iwettaq il-kompiti tiegħu b'mod sodisfaċenti. L-evalwazzjoni hija pożittiva fir-rigward tal-ħames kriterji ta' evalwazzjoni kollha, anke jekk jista' jsir aktar titjib f'oqsma li huma stabbiliti hawn taħt u koperti f'aktar dettall fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal mehmuż.

L-EUIPO beda l-kompiti l-ġodda tiegħu b'determinazzjoni u pprovda lill-Osservatorju b'infrastruttura solida f'termini ta' baġit, għarfien espert, faċilitajiet għal-laqgħat, għodod ta' komunikazzjoni u riżorsi oħra meħtieġa. L-EUIPO wessa' wkoll in-network tal-partijiet ikkonċernati li jipparteċipaw fl-attivitajiet tal-Osservatorju, filwaqt li żgura l-impenn tal-awtoritajiet nazzjonali l-aktar ikkonċernati mill-ksur tal-IP, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali, u l-parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati tas-settur privat u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

Bl-għajnuna tar-rappreżentanti tal-Osservatorju, l-EUIPO wettaq il-kompiti kollha koperti mir-Regolament. Dan żviluppa metodoloġiji trasparenti u oġġettivi u wettaq riċerka siewja b'mod regolari. L-informazzjoni prodotta mill-EUIPO u s-sħab tiegħu, bħall-OECD u l-Europol, hija meqjusa fattwali, oġġettiva, affidabbli u robusta. B'riżultat ta' dan, hija tinforma mhux biss it-taħriġ tal-uffiċjali tal-infurzar, l-inizjattivi u l-kampanji ta' sensibilizzazzjoni, iżda wkoll l-istrateġiji ta' infurzar u l-azzjonijiet ta' politika tal-IP bħall-appoġġ għall-SMEs. L-EUIPO żviluppa wkoll għodod biex jiffaċilita l-ġlieda kontra l-falsifikazzjoni u l-piraterija.

Il-volum dejjem jikber ta' prodotti foloz importati fl-UE juri li l-kompiti tal-EUIPO huma aktar rilevanti llum milli kienu fl-adozzjoni tar-Regolament. Il-ħidma tal-EUIPO hija koerenti mal-objettivi ġenerali tal-politika tal-UE għall-promozzjoni tal-innovazzjoni, il-benesseri u l-ħolqien tal-impjiegi. Il-ġlieda kontra l-manifattura illegali u t-tixrid ta' prodotti foloz minn organizzazzjonijiet kriminali hija wkoll ġlieda għas-saħħa u s-sikurezza tal-konsumaturi, u għall-konformità mar-regolamenti ambjentali u soċjali. Il-valur miżjud tal-UE fil-ħidma tal-EUIPO huwa għoli. Il-konċentrazzjoni tar-riżorsi u l-għarfien espert f'korp wieħed fil-livell tal-UE ħolqu opportunità biex jintlaħaq output ħafna ogħla milli kieku kien jintlaħaq fil-livell nazzjonali biss. L-attivitajiet imwettqa mill-EUIPO skont ir-Regolament huma ffinanzjati kompletament mid-dħul proprju tal-EUIPO u għalhekk mingħajr spejjeż għall-baġit ġenerali tal-UE. Fil-limiti tad-*data* disponibbli, l-evalwazzjoni kkonkludiet li l-EUIPO uża r-riżorsi umani u finanzjarji disponibbli b'mod effiċjenti.

L-evalwazzjoni wriet ukoll li hemm lok għal titjib. L-EUIPO jenħtieġ li jżid l-isforzi tiegħu biex jimplimenta monitoraġġ trasparenti u komprensiv tal-impatt possibbli, iżda wkoll tal-ispejjeż u l-benefiċċji, tal-attivitajiet tiegħu skont ir-Regolament, b'mod partikolari fuq l-azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni tiegħu. Għaldaqstant, ir-rapporti annwali tal-EUIPO jenħtieġ li jipprovdu ħarsa ġenerali tajba lejn l-attivitajiet imwettqa u r-riżultati miksuba fl-oqsma koperti mir-Regolament. L-EUIPO jenħtieġ li jfittex li jinvolvi aktar kmieni lir-rappreżentanti mill-awtoritajiet nazzjonali u partijiet ikkonċernati oħrajn fl-ippjanar tal-attivitajiet tiegħu skont ir-Regolament. Dan huwa partikolarment minnu għall-attivitajiet tal-EUIPO f'pajjiżi mhux tal-UE. L-evalwazzjoni wriet li hemm ċertu defiċit fl-għarfien tal-partijiet ikkonċernati dwar l-attivitajiet tal-EUIPO f'pajjiżi terzi. Huwa importanti wkoll li l-ippjanar u l-komunikazzjoni tal-azzjonijiet tal-EUIPO skont ir-Regolament iqisu l-kuntest politiku usa' tal-UE dwar il-IP. B'mod partikolari, l-azzjonijiet tal-EUIPO f'pajjiżi mhux tal-UE jeħtieġ li jiġu kkomunikati tajjeb u f'konformità mal-politiki rilevanti tal-Kummissjoni. L-aċċess għall-attività ta' pubblikazzjoni siewja tal-EUIPO jista' jittejjeb, peress li s-sistema attwali mhijiex

sodisfaċenti. Billi jilqa' għadd dejjem ikbar ta' proġetti, l-EUIPO xi kultant naqas milli jagħti riżultati fil-ħin, u għalhekk jenħtieġ li jiżgura li jalloka biżżejjed riżorsi għal kull wieħed mill-proġetti koperti mill-programmi ta' ħidma annwali tiegħu sabiex jissodisfa l-impenji tiegħu. Dan se jgħin lill-EUIPO biex jevita li ċerti azzjonijiet miftiehma jsofru dewmien minħabba nuqqas ta' riżorsi. Fl-aħħar nett, il-ġbir ta' *data* mill-awtoritajiet nazzjonali għadu sfida, u għalhekk jenħtieġ li l-EUIPO jkompli bl-isforzi tiegħu biex iħeġġeġ lill-awtoritajiet nazzjonali jaqsmu l-informazzjoni rilevanti kif meħtieġ mir-Regolament, u sa fejn ikun possibbli, jappoġġa l-ħidma tar-rappreżentanti tal-Istati Membri lill-Osservatorju fil-ġbir ta' tali *data* fil-livell nazzjonali.

Il-konklużjoni ġenerali tal-evalwazzjoni hija li r-Regolament laħaq l-objettivi tiegħu. Il-kooperazzjoni mill-qrib tal-EUIPO mal-membri tal-Osservatorju u mad-dipartimenti tal-Kummissjoni tfisser li l-ħidma tal-korpi tal-UE, tal-awtoritajiet nazzjonali u tad-detenturi tad-drittijiet fl-infurzar tal-IP issa saret aktar faċli.

L-EUIPO sar ċentru ta' eċċellenza dwar il-ksur tal-IP, sors ċentrali ta' għarfien, żvilupp u kondiviżjoni tal-aħjar prattiki fl-UE u internazzjonalment. L-EUIPO jaġixxi bħala faċilitatur u motivatur għall-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali u d-detenturi tad-drittijiet madwar l-UE, u huwa kontributur importanti għall-inizjattivi tal-Kummissjoni fl-IP fl-UE u lil hinn minnha.